MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI
# (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 174/1999/2

**Cutalex Tourist Company Limited**

**vs**

**Pamela Rose Wathen f'isimha proprio, kif ukoll bhala mandatarja specjali ta' l-assenti binha Anthony James Wathen u Amanda Jane Wathen u Lawrence u Marie, konjugi Buhagiar.**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Is-socjeta' attrici appellanti qeghda tharrek civilment lill-appellati fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex jigi dikjarat li hemm ksur ta' kuntratt dwar enfitewsi, biex din tigi xolta, biex tigi dikjarata nulla kirja naxxenti mill-istess koncessjoni enfitewtika, biex jigi dikjarat li l-appellati qed jokkupaw il-fond suggett tal-koncessjoni bla ebda titolu u li ghalhekk jigu zgumbrati, biex jigi dikjarat li l-atturi qed isofru danni, u biex jigu likwidati u mhallsa dawk id-danni.

2. Illi meta s-socjeta' appellanti giet biex tressaq provi dwar id-danni minnha allegatament sofferti hija sabet ruhha f'intopp. Fil-kors ta' xhieda moghtija minn Alex Cutajar prodott minnha fis-seduta datata 13 ta' Frar 2001, l-imsemmi xhud ipprezenta bhala "dokument originali", rapport maghmul minn persuna li hija sejhet bhala "konsulent ekonomiku" li ismu ma kienx jidher fost dawk indikati fil-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici. Wara l-prezentata ta' dan ir-rapport "ex parte" bhala parti mill-provi s-socjeta' attrici mbaghad talbet ukoll biex tipproduci bhala xhud taghha lil dan l-espert li gie indikat bhala Alfred Mifsud.

3. B'digriet moghti fl-4 ta' April 2001, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddekretatat li fl-ewwel lok ma takkoljix it-talba tas-socjeta' attrici ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud gdid, u oltre dan ordnat ukoll l-isfilz ta' dak ir-rapport "ex parte" esebit bhala Dok AM1 fit-13 ta' Frar 2001.

4. Is-socjeta' appellanti qeghda allura tappella minn dan id-digriet u qeghda titlob ir-revoka tieghu u dan ghal zewg finijiet, igifieri, biex (i) jerga' jigi infilzat fl-atti id-dokument AM1 surreferit: u (ii) sabiex Alfred Mifsud, l-espert ekonomiku, jigi ammess bhala xhud gdid tas-socjeta' appellanti.
5. Il-kontroparti konvenuta qeghda topponi u toggezzjona ghal din it-talba u ssostni li d-digriet moghti kien wiehed gust u korrett.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Ikkunsidrat li fost ir-ragunijiet moghtijin mill-konvenuti appellati hemm wahda ta' indole procedurali – ara para. 3 tar-risposta moghtija minn Laurence u Maria, konjugi Buhagiar – fejn saret riferenza ghas-subartikolu (1) para. (d) u (f) ta' l-artiklu 229 tal-Kap. 12 li jikkoncedi biss dritt ta' appell fil-kazi hemm elenkati wara l-ghoti tas-sentenza definittiva. Ikun utli ghalhekk li qabel xejn tigi investita u deciza dina l-eccezzjoni.

7. Jirrizulta li mid-digriet meritu ta' dan l-appell, is-socjeta attrici kienet intavolat zewg rikorsi u mhux wiehed ghal fini mitlub. Igifieri, is-socjeta' appellanti intavolat rikors quddiem l-ewwel Qorti ghar-revoka contrario imperio tad-digriet moghti u fl-istess waqt rikors ta' appell quddiem din il-Qorti. L-ewwel Qorti ddecidiet li fil-fehma taghha,
"Dan ir-rikors (ta' appell) jezawtora lill-istess Qorti Prim' Awla milli tikkunsidra talbiet ghar-revoka contrario imperio tad-digriet billi bit-talba maghmulha sabiex jigi interpost appell tkun l-istess Qorti ta' l-Appell, f'kaz li tali talba tigi milqugha, il-Qorti kompetenti biex tezamina l-ilment tal-parti aggravata. Mhux peremess li parti tipprezenta zewg talbiet alternattivi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li messha ghamlet l-ewwel Qorti huwa li ddur fuq il-parti appellanti u ggeghlha qabel xejn tiddeciedi hi taht liema disposizzjoni tal-ligi proprjament kienet riedet tappella u mhux, kif ghamlet, spiccat biex iddecidiet il-Qorti ghaliha. Aktar u aktar meta dik l-istess Qorti aktar 'l quddiem fid-digriet taghha esprimiet il-fehma li "s-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu ta' l-artikolu 229 mhux applikabbli ghall-kaz sottezami" (sottolinear tal-Qorti).

8. Ikkunsidrat li darba li l-meritu shih gie issa riferit lil din il-Qorti, tajjeb li jigi mistharreg u deciz jekk fil-fatt l-oggezzjoni ta' l-appellati fuq imsemmija kenitx wahda legalment valida. Diga' inghad li t-talbiet dwar il-produzzjoni/ammissjoni ta' provi kienu tnejn: wahda dwar il-produzzjoni o meno ta' rapport tekniku 'ex parte' u l-iehor dwar il-produzzjoni o meno ta' l-espert li rrediga l-

istess rapport allavolja dan ma kienx indikat qabel bhala xhud.

Illi minn ezami tas-sub-artikolu (d) ta' l-art. 229(1) jirrizulta li fih hemm kwalifika importanti, u cjoe' li l-oggezzjoni ghall-ammissjoni ta' xhud trid tkun marbuta ma' dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 567 tal-Kap. 12. Dan l-artiklu jghid hekk:

"ebda eccezzjoni kontra l-ammissjoni ta' xhud ma tista' tingieb minhabba li x-xhud ikollu interess fil-kwistjoni li fuqha tintalab ix-xhieda tieghu, jew fir-rizultat tal-kawza, bla hsara ta' kull eccezzjoni dwar il-kredibilita` tieghu".

Ikkunsidrat li l-oggezzjoni tal-kontroparti appellata hija proprjament msejsa fuq il-fatt li bil-produzzjoni tax-xhud, is-socjeta' appellanti tkun qeghda taghmel uzu minn xhud gdid u li ma kienx gja dikjarat. Taht dan l-aspett ghalhekk l-oggezzjoni ta' l-appellati ma treggiex.

Hemm imbaghad is-subartiklu (f) ta' l-artiklu 229(1) tal-Kap. 12 li wkoll hu abbinat ma' kwalifika ohra, igifieri "talba biex jingiebu dokumenti skond l-artiklu 637". Dan l-artiklu jirreferi ghall-<u>actio ad exhibendum</u> u ghandu x'jaqsam ma' talbiet dwar l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' haddiehor jew li jkunu dokumenti ta' natura privileggjata. Ghalhekk ukoll, kif del resto qalet <u>expressis verbis</u> l-ewwel Qorti, ma jidherx li dan is-subartiklu (g) jiggustifika l-opposizzjoni registrata mill-parti appellata.

Ghal dawn il-motivi;
Tiddeciedi billi tichad l-oggezzjoni sollevata mill-appellati Lawrence u Maria, konjugi Buhagiar, dwar l-eccepita` inammissibilita` tal-appell li gie intavolat mis-socjeta` attrici u tiddifferixxi ghalhekk l-istess appell ghat-trattazzjoni, bl-ispejjez kontra l-appellati.

-------------------------------TMIEM-------------------------------